MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 551/2013

**AV**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Frar tal-elf disa’ mija u wiehed u disghin (1991) (Ara Dok. A anness) u minn dan iz-zwieg kellhom tifel, li llum huwa maggorrenni ;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’ kuntratt redatt min-Nutar Dottor John Gambin mid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Marzu tal-elfejn u erbgha (2004). (Ara Dok. B anness);

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju favur il-wild tal-partijiet stante illi skont it-termini tal-istess kuntratt (Ara Dok. 'B', klawsola numru tnejn (2) ittra 'f' (2f)), l-intimat kien dovut imantni lill-minuri u dan qatt ma naqas illi jaghmlu ;

Illi skond l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok. 'B' Klawsola numru tlieta (3)) il-partijiet iddekadew mid-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin, u ghalhekk ma hemmx manteniment dovut;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom iktar minn disa` (9) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xuxlin.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-rikors tal-intimat, li in forza tieghu eccepixxa :

1. Illi huwa ma jopponix ghall-pronunzjament tad-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi huwa jaqbel illi jezistu dawk il-kundizzjonijiet mahsuba ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-pronunzjament ta' l-imsemmi divorzju u dan stante :

i. Il-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' Marzu 2004;

ii. Illi ai termini tat-tielet Artikolu tal-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar John Gambin datat 29 ta' Marzu 2004, il-partijiet iddikadew mid-dritt illi jitolbu manteniment ghalihom minghand xulxin;
iii. Illi, kif anke kkonfermat mir-rikorrenti stess fir-rikors promotur, l-intimat dejjem osserva l-obbligu tieghu fir-rigward ta' hlas ta' manteniment favur wild il-partijiet, u ghalhekk ma hemm l-ebda ammont dovut f'dan ir-rigward. Illi barra minn hekk wild il-partijiet huwa illum maggorenni;
iv. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jirrikonciljaw ma xulxin;

Bl-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Novembru, 2013;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' Marzu 2004 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------